**Il-politika tal-Gvern qed taghti rizultati favur iz-zghazagh, il-haddiema, l-ommijiet u l-genituri**

L-Agent Prim Ministru u Vici-Kap tal-Partit Nazzjonalista Tonio Borg qal li l-politika tal-Gvern qed jirnexxielha tikseb ir-rizultati mixtieqa tant li l-Gvern qed iwettaq il-pjani tieghu li jkattar l-investiment u johloq l-impjiegi. Dan qed jissarraf f'beneficcju ghaz-zghazagh u l-haddiema. Barra minhekk bis-sahha tat-tishih fl-ekonomija u t-tnaqqis fl-izbilanc il-Gvern qed jinvesti aktar fit-tfal biex ikollhom edukazzjoni ta' kwalita' aktar gholja fi skejjel isbah, fl-ambjent biex il-familji jkollhom fejn jirrillassaw ahjar u fit-toroq biex jitnaqqsu l-perikli u t-trabbijiet u b'hekk jonqos ukoll ir-riskju ta' certu mard.

F'diskors fl-Ufficcju tal-Partit Nazzjonalista fil-Mosta, l-Agent Prim Ministru Tonio Borg qal li s-sena li ghaddiet il-Gvern irnexxielu jattira lejn Malta Lm500 miljun f'investiment barranin. Ir-rizultat l-aktar importanti ta' l-investiment gdid hu li nholqu aktar minn 6,100 impjieg gdid f'Malta u f'Ghawdex. Fl-istess waqt il-Gvern introduca inizjattivi li bihom tnaqqset l-income tax u taxxi ohra u kompliet tjiebet il-kwalita tal-hajja tal-poplu Malti u Ghawdxi.

Huma inizjattivi li qed ihallu aktar flus fi bwiet il-poplu bir-rizultat li l-ekonomija qed tkompli titkattar. Flimkien mat-tnaqqis fl-income tax, il-Gvern introduca wkoll inizjattivi li bihom il-part-timers qed ihallsu inqas bolla; in-negozjanti u tal-hwienet se jhallsu inqas licenzja tan-negozju u l-familji li jzommu fi djarhom studenti barrnin jistghu jaghzlu li ma jhallsux bolla.

Ix-xibka ta'inizjattivi ta' tnaqqis fit-taxxi tinkludi wkoll kategoriji ohra tas-socjeta fosthom li min jiret id-dar fejn min jiret id-dar fejn joqghod se jhallas inqas taxxa. Il-Gvern pogga wkoll lill-ghaqiet kulturali bhala priorita' fil-hidma tieghu fejn l-ghaqdiet kulturali bhall-kazini tal-baned mhux se jhallsu VAT fuq l-attivitjaiet.

Tonio Borg qal li Gvernijiet immexxija mill-Partit Nazzjonalista dejjem poggew l-edukazzjoni bhala priorita ewlenija fejn il-Gvern qed jinvesti Lm126 miljun fl-edukazzjoni, li jfisser investiment ta' Lm1400 fuq kull tifel u tifla. Dan filwaqt li nbnew skejjel u kulleggi godda u kienu modernizzati wkoll 130 skola. Qed noholqu ambjent fejn l-istudenti jiehdu gost imorru l-iskola u l-genituri jserrhu mohhhom mill-edukazzjoni ta' wliedhom. L-investituri li qed jigu Malta qed isibu haddiema u zghazagh imharrga. Dan jaghmel minn Malta post aktar attrajenti fejn tista' tinvesti.

L-Agent Prim Ministru zied li billi l-ekonomija qed tissahhah u l-finanzi huma fis-sod, fi tmiem il-gimgha li ghaddiet il-Gvern introduca inizjattivi godda favur iz-zghazagh, nisa, haddiema u persuni b'dizabilita' Ghawdxin. B'dawn l-inizjattivi ghandhom jinholqu aktar postijiet tax-xoghol.

Gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista kompla jsahhah ukoll is-sigurta' fil-pajjiz fejn sahhah il-Korp tal-Pulizija b'rekluti godda.  Wara s-sentejn ta' friza li Alfred Sant kien impona fuq il-pulizija, mill-1999 'l hawn dahlu 600 zghazugh u zaghzugha fil-Korp tal-Pulizija.  Inxtara wkoll apparat modern ghall-pulizija u gew emendati l-ligijiet biex issahhet idejn il-Pulizija.  Tonio Borg sostna li dan hu element essenzjali biex il-pajjiz ikompli jkun f'pozizzjoni li jattira aktar investiment barranin ghall-fatt li s-sigurta' fil-pajjiz hi element krucjali rikjest mill-investituri barranin meta jigu biex jaghzlu pajjiz fejn se jinvestu.

Hu fakkar li l-oppozizzjoni laburista ivvutat kontra l-ligijiet li sahhew idejn il-pulizija.  L-oppozizzjoni laburista ivvutaw ukoll kontra l-ligi gdida dwar l-edukazzjoni.  L-oppozizzjoni laburista ivvutat kontra inizjattivi li thabbru fl-ahhar budgets favur l-ambjent.  L-oppozizzjoni laburista kitbet ukoll il-Kummissjoni Ewropea biex il-mizbla tal-Maghtab tibqa' tintuza'.  L-oppozizzjoni laburista baghtet rapport anonimu lill-ambaxxaturi dwar l-istatistika, liema rapport hu mibni fuq il-falsita'.  Dawn kollha graw mill-2003 'l hawn, jigifieri ghadhom friski fil-memorji taghna.